Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 22/2005

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Lawrence Gauci sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Lawrence Gauci**

**Vs**

**Mario Mifsud**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm207.85 (mitejn u seba` Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu) dovuti ghal danni kkagunati.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fid-19 ta' April 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fil-11 ta' Lulju 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.
Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------